# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 16 ta’ April 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Kevin Attard**

**Kumpilazzjoni Nru: 884/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Attard u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 310676(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-11 ta’ Gunju 2015 u fil-gimghat u x-xhur ta’ qabel u wara din id-data, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, billi rrenda ruhu komplici fl-atti li bihom ikkorrompa ruhu l-iSpettur tal-Pulizija Jason Sultana li, in konnessjoni mal-

kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd sabiex bhala ufficjal pubbliku jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

Flimkien mal-piena dovuta, f'kaz ta' htija, l-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex tordna interdizzjoni generali perpetwa ta' Kevin Attard.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f'l-artikoli 18, 42, 115(1)(a) u 120(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegazzjoni ta' komplicita fil-korruzzjoni ta' ufficjal tal-pulizija, l-iSpettur Jason Sultana. L-investigazzjoni tal-pulizija dwar il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni inbdiet fuq rapport ta'l-istess imputat.

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrizultaw ampjament u m'hemmx kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-imputat li joqghod il-Gzira, kien jghix vicin ta' certu Tereza Cutajar u Mohammed Elmleti u ta' spiss kien jaghmel rapport dwarhom f'l-ghassa tal-pulizija Ta' Sliema, inkluz ma'l-iSpettur Sultana. Jidher li r-rapporti kienu ilhom isiru fuq medda ta' sentejn. Fis-sena 2014 l-iSpettur Jason Sultana ressaq lil dawn Cutajar u Elmleti fuq diversi reati relatati ma' zamma ta' burdell. Meta dawn il-proceduri intemmu[1] l-iSpettur Sultana cempel lis-siehba ta' l-imputat: Karen Busuttil, u talabha biex imorru l-ghassa biex ikellmuh. Huma marru u fil-kors tal-konverzazzjoni li kellhom l-iSpettur Sultana talabhom tmien mitt Euro (€800) bhala hlas ghax-xoghol li kien ha. Busuttil

[1] Is-sentenza, li kopja taghha hija esebeita a fol 159 tal-process, inghatat fid-29.12.2014.

marret iggib il-flus mill-karozza taghhom u tawh l-ammont li talab. Wara din l-okkazzjoni kien hemm okkazzjonijiet ohra meta l-iSpettur Sultana kien jibghat ghall-imputat u ghal Busuttil u jitlobhom aktar flus; l-imputat u Busuttil kienu jaghtuh il-flus li kien jitlobhom sa kemm hallsu total ta' erbat elef Euro (€4,000). Eventwalment l-imputat kien ghamel hsieb li jixtri l-blokka ta' appartamenti fejn kienu jghixu Teresa Cutajar u Elmleti; din kienet propjeta ta' terzi. Uhud mill-appartamenti kienu vakanti u uhud kienu okkupati[2]. L-imputat inkariga lill-avukat tieghu biex jikkomunika ma'l-avukat tas-sid biex jigi diskuss il-bejgh. Gara pero li kkomunika mieghu l-iSpettur Sultana li beda jippresta ruhu bhala sensar. Sa minn qabel ma sar il-konvenju l-iSpettur Sultana beda jinsisti fuq il-hlas tas-senserija; l-imputat fil-fatt hallsu elfejn Euro (€2,000) meta kien ghadu lanqas biss ghadu iffirmat il-konvenju, u ftit gimghat wara li gie iffirmat il-konvenju l-imputat hallas elfejn Euro (€2,000) ohra. Ftit wara li sar il-konvenju l-imputat deherlu li kien hemm xi nies li kienu qed jokkupaw appartament fil-blokk li kien ser jixtri minghajr titolu; hu kellem lill-iSpettur biex jara jekk kienx opportun li jinkariga l-avukat biex jibdew proceduri gudizzjarji pero l-iSpettur qallu li ma kienx hemm ghalfejn u li kien ser jiehu  hsieb hu. B'l-intervent ta'l-iSpettur l-inkwilin (certu Anthony Cachia)  u l-persuna li kienet qed tokkupa l-appartament (certu Marvin Cachia) waslu biex accettaw li jizgumbraw jekk l-imputat ihallashom elf u sitt mitt Euro (€1,600). L-imputat da parti tieghu accetta li jsir hekk diment li ma jkunx hemm xi kontijiet pendenti ghal servizzi ta' dawl u ilma, ghalhekk ghadda s-somma mitluba lill-iSpettur pero qallu biex ma jhallasx lill-inkwilin qabel ma jisru l-verifiki ma'l-ARMS. L-imputat ghamel il-verifiki ma'l-ARMS u sar jaf li kien hemm kont pendenti ta' elfejn Euro (€2,000) ghalhekk mar ghand l-iSpettur Sultana pero dan kien lahaq ghadda l-flus lill-inkwilin. Kien f'dan l-istadju li l-imputat iddecieda li jmur ghamel rapport dwar l-iSpettur Sultana.

Illi l-imputat, tramite Karen Busuttil, kellem lil WPS 215 Valerie Farrugia mill-ghassa Ta' Sliema li ndirizzathom lis-Supretendent (illum Assistent Kummissarju) Alexandra Mamo li da parti taghha irreferiet il-kaz lill-Assistent Kummissarju Carmelo Magri. Huma flimkien kellmu lill-imputat li rrilaxxja stqarrija[3]. Is-suespsost fil-fatt huwa sintezi tal-verzjoni mghotija mill-imputat f'l-istqarrija. Din il-verzjoni hija korroborata prattikament f'l-intier taghha minn dak li tghid Karen Busuttil fid-depozizzjoni taghha[4]; hija kienet ingunta bhala  xhud tal-prosekuzzjoni. L-imputat huwa korroborat ukoll minn dak li

[2] Sa dak iz-zmien Cutajar u Elmleti kienu zgumbraw mill-appartament.
[3] Esebieta a fol 26 tal-process.
[4] A fol 198 tal-process.

jghidu Anthony Cachia[5], Marvin Cachia[6], il-prokuratur ta' sid il-blokk[7] u n-Nutara involuti fil-bejgh[8], kull wiehed f'dik il-parti tar-rakkont li tirrigwarda lilhom.

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li, minhabba proceduri pendenti kontra tieghu relatati ma' dan il-kaz, l-iSpettur Jason Sultana ma tressaqx bhala xhud fil-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat

Illi mill-espozizzjoni tal-fatti huwa car li l-imputat ghamel tlett pagamenti lill-iSpettur Jason Sultana: erbat elef Euro wara li gew konkluzi l-proceduri kontra Theresa Cutajar u Mohammed Elmleti; erbghat elef Euro senserija; u elf u sitt mitt Euro li nghataw lil Anthony Cachia.

Illi minhabba dawn il-pagamenti, u b'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta' komplicita f'korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku fit-termini ta'l-artikoli 42, 115(1)(a) u 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 115 jipprovdi li

> *(1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati:*
> *(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta'...*
> *(b) ... ... ...*

Illi mbaghad l-artikolu 120, f'l-ewwel subinciz, jipprovdi li:

---

[5] Depozizzjoni a fol 75 tal-process.
[6] Depozizzjoni a fol 84 tal-process.
[7] Is-sidien tal-blokk kienu il-familja Licari, il-prokuratur taghhom kien certu Carmelo Demicoli; depozizzjoni ta' Carmelo Demicoli a fol 109.
[8] In-Nutar Marco Farrugia, depozizzjoni a fol 94; u n-Nutar Nicholas Briffa, depozizzjoni a fol 100.

> *Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 115, ... , il-persuna li tikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku jew ... ... persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull disposizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ, titqies li hija kompliċi.*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ravvizat f'l-artiklu 115 huma:

a) *The public character of the offender;*
b) *The acceptance of a reward or the promise or offer of a reward not due according to Law;*
c) *In connection with his office;*
d) *The purpose to do or fail in his duty*.[9]

Illi fil-kaz in ezami m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-iSpettur Jason Sultana, in kwantu membru tal-Korp tal-Pulizja, huwa ufficjal pubbliku, ghalhekk l-ewwel element huwa sodisfatt.

Illi t-tieni element kostituttiv tar-reat in ezami huwa *the acceptance (by the public officer) for himself or for others of a renumeration ... ... which is not due to him*[10]. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali kompliet telabora fuq dan il-punt fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri[11]:

> *It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku ikun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew utilita. F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva li l-lokuzzjoni adoperata mill-Ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti fi flus.* ***Dak li hu essenzjali hu li l-oggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas***[12]*.*

Illi dwar it-tielet element kostituttiv tar-reat ta' korruzzjoni l-Professur Mamo jghid hekk:

---

[9] Ref Notes on Criminal Law pagna 85.
[10] Op cit pagna 86.
[11] Deciza fil-25 ta'Lulju 1986.
[12] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*In the third place it is essential that the acceptance of the remuneration or promise or offer be made by the public* ***officer in connection with his office or employment***[13]*. The old Italian text said: 'in occasione suo officio od impiego'. This means that the act in respect of which the reward, etc. is accepted must fall within the functions of the public officer concerned. An act which is foreign to the functions of such public officer and which he would not have the right to do by virtue of his office, will indeed be an act of that officer but not an act of his office. It does not matter, however, whether the act falls directly within the officer's own competence or whether it falls within his delegated functions. What is indispensable is that the act be one which the officer could do in the exercise of his duties. ... ... Nor is it sufficient that the public officer accepting the reward etc. or the person making the reward may have thought that the act was one within the duties of that officer: it is necessary that the act should be such in the reality of things (Pessina).*[14]

Illi f'dan is-sens esprimiet ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali:

*It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata mil-ligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b'mod li jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f'dan il-kaz li jista' jigi pregudikat l-l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, 'an act of his office'.*[15]

Illi mill-provi prodotti f'dawn il-proceduri jirrizulta li l-iSpettur Sultana ircieva flus minghand l-imputat u s-siehba tieghu Karen Busuttil. Hlasijiet minghand l-imputat (u Busuttil) lill-iSpettur jistghu jinqasmu f'tlett sensiela ta' pagamenti separati u distinti minn xulxin: thallset is-somma ta' erbghat elef Euro[16] li esiga l-iSpettur wara li gew konkluzi l-proceduri penali kontra Theresa Cutajar u Mohammed Elmleti; thallset is-somma ta' erbghat elef

---

[13] Sottolinear ta'l-awtur.
[14] Op cit pagna 86/87.
[15] Ref il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et op cit.
[16] Somma li thallset f'diversi pagamenti fuq medda ta' gimghat.

Euro[17] bhala senserija relatata mal-bejgh tal-blokk ta' apartamenti proprjeta tal-familja Licari; u thallset is-somma ta' elf u sitt mitt Euro biex tigi mghoddija lil Anthony Cachia biex jirrinunzja ghat-titolu ta' lokazzjoni fuq wiehed mill-appartamenti fil-blokk ta' appartamenti imsemmi.

Illi dwar dan l-ahhar pagament l-iSpettur Sultana jidher li kien biss intermedjarju, fis-sens li hu indahal biex jghin lill-imputat jottjeni l-pussess vakanti ta' l-appartament li kien mikri lil Anthony Cachia. Mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-appartament kien mikri lil Anthony Cachia, kien qed jokkupah n-neputi tieghu: Marvin Cachia; l-imputat ghalhekk pretenda li Marvin Cachia kien qed jokkupa minghajr titolu validu u li l-lokazzjoni setghet tigi terminata. Din pero kienet kwistjoni ta' indole civili u ma kienx hemm lok ghal xi intervent da parti tal-pulizija. B'danakollu l-Ispettur Sultana indahal bhala intermedjarju u wassal liz-zewg partijiet fi ftehiem ai termini ta' liema l-imputat ta s-somma ta' elf u sitt mitt Euro lil Sultana biex tigi mghoddija lil Cachia, kif fil-fatt giet mghoddija.

Illi pagament iehor li sar lill-iSpettur Sultana kien bhala hlas ghal servigi rezi minnu bhala sensar fil-bejgh tal-blokk ta' appartamenti tal-familja Licari lill-imputat. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li x-xoghol ta' pulizija ma jinkludiex dak ta' sensar.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car li dan l-agir ta'l-iSpettur Sultana, kemm meta presta ruhu sia bhala intermedjarju biex jagevola lill-imputat, u kif ukoll meta presta servigi bhala sensar, ma kienx konness mal-funzjonijiet tieghu bhala pulizija u b'l-ebda mod ma kien  jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu; ma kienx *act of office*. Konsegwentement il-fatt li l-imputat hallas lilll-iSpettur Sultana senserija u tah flus biex jghaddihom lil Cachia ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ai fini tar-reat in ezami.

Illi pero l-istess ma jistax jinghad ghal dak li ghamel l-iSpettur Sultana meta ressaq lil Theresa Cutajar u Mohammed  Elmleti bi proceduri penali ghal diversi reati konnessi ma' zamma ta' burdell. Huwa certament parti mid-doveri ta' spettur tal-pulizija li jinvestiga u, meta jkun il-kaz, jipprocedi kriminalment kontra persuni li jkunu kkommettew reat. L-iSpettur Sultana fil-fatt hekk ghamel. Jidher pero li talli ghamel id-dover tieghu l-iSpettur Sultana pretenda, esiga u ricieva hlas, li huwa ma kellu l-ebda dritt ghalih, minghand l-imputat.

---

[17] Somma li thallset f'zewg pagamenti.

Illi ghalhekk jidher li l-elementi materjali kollha rikjesti biex jissussisti r-reat ravvizat f'l-artikolu 115 jirrizultaw.

Illi pero l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita f'korruzzjoni ta'ufficjal pubbliku fit-termini ta'l-artikolu 120 fuq kwotat.

Illi dwar dan l-artikolu 120, u l-komplicita f'atti li bihom l-ufficjal pubbliku jikkorrompi lilu nnifsu, il-Professur Mamo jghid li:

> *As it is only a public officer or employee who can sell away an act of office, so it is only he who can be considered as the principle offender in the crime of corruption. The briber or corrupter is only an accomplice in as much as he instigates or strengthens the resolution of the public officer or employee by giving or offering rewards or promises. And as the crime is completed by the mere acceptance, on the part of the public servant, of the reward or offer, so also it must be considered in respect of the corrupter.*[18]

Illi f'dan is-sens pronunzjaw ruhhom anke l-Qrati taghna:

> *Illi l-artikolu 120 iqis lil persuna li tikkorrompi ufficjal pubbliku bhala komplici fir-reat previst f'dana il-kaz f'l-artikolu 115.*[19]

Illi din l-istess sentenza tkompli hekk:

> *Il-ligi taghti definizzjoni ta' min jitqies li huwa komplici fl-artikolu 42 fejn hemmhekk jigu ikkontemplati hames sitwazzjonijiet fejn persuna tirrendi ruhha komplici. Illi mill-qari ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi jidher car illi f'kull cirkostanza ikkontemplata irid ikun hemm 'l hekk imsejjah* common design *bejn l-awtur u il-komplici.*

Illi fil-fatt f'sentenza antecedenti mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali ntqal li

> *Il-korruzzjoni li dwarha qeghdin nitkellmu hi, skond id-duttrina prevalenti, karatterizzata minn ftehim volontarju bejn l-ufficjal (jew*

[18] Op cit pagna 88.
[19] Ref Il-Pulizija vs Saverin Sinagra deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-30.06.2010.

*impjegat) pubbliku u l-persuna li tikkorrompi (li, kif inghad, hija kkunsidrata fil-ligi taghna bhala komplici) permezz ta' liema ftehim jitwieled veru u proprju pactum sceleris*.[20]

Illi aktar minn hekk huwa ben stabbilit ukoll li l-kuncetti ta' *bribery after the fact* jew *accessory after the fact* ma jiffurmawx parti mill-ordinament guridiku taghna.

Illi fis-sentenza mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs David Gatt[21] ntqal li:

> *... ... il-Ligi Maltija ma taccettax il-kuncett ta' "bribery after the fact" kif donnu qed jigi accettat mill-ligi Taljana ... ... L-awtur Luigi Maino fit-trattat tieghu "Commento al Codice Penale Taliano" kellu quddiemu l-ligi Penali kemm dik promulgat bid-digriet tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tal-elf tmin mija u hamsa u sittin (1865), kif ukoll dak tal-kummissjoni dwar il-"Progetto Ministeriale tal-elf tmin mija u seba` u tmenin (1887), izda mhux dik tal-Codice Rocco tal-elf disgha mija u tletin (1930). Fl-ewwel zewg progetti, jghid il-Maino, ma kienx hemm distinzjoni bejn "atto da compiere o atto gia compiuto". Fil-fatt jghid "la formola: per un atto del sua ufficio si leggeva ance nel Articolo 162 del Progetto Ministeriale dell'1887: ed e formola che non distingue atto da compiere o atto gia compiuto" (Volume 2, pagina 209, para 926). ... ... kien il-Kodici Penali Toskan li ghamel distinzjoni bejn "la corruzzione propiamenta detta dalla illecita accettazzione dei doni". Il-Maino jghid "considerando come corruzzione il mercato relattivo ad atti da compiere e come illecita accettazione delitto minore il ricevere una indebita ricompensa per atti d'ufficcio gia eseguiti senza corruzzione." Kien hemm dibattitu shih bejn l-awturi u l-Kummissjoni Taljana dwar dan il-kuncett u cioe` setax ufficjal pubbliku jkun hati ta' korruzzjoni wara l-fatt. "Ma la commussione approvo' la formola del progetto Ministeriale come passata nel attuale articolo 171, e che comprende la ipotesi degli atti gia compiuti. Fu osservato che si violano i doveri d'ufficio anche con la accettazione di doni inseguito ai atti compiuti . . ." (Ibid para 926).*

[20] Ref Il-Pulizija vs Mario Camilleri deciza 30.07.2009.
[21] Deciza 11.11.2011.

*Din il-kwistjoni giet definittivament rizolta fil-Codice Rocco tan-1930 fejn taht il-titolu "Corruzione per un atto d'ufficio" it-tieni paragrafu ta' l-artikolu 318 jghid testwalment "se il pubblico ufficiale riceve la retribuzione per un atto d'ufficio da lui gia compiuto . . ." Quindi ghall-ligi Taljana ma hemmx kwistjoni u ufficcjal pubbliku jista' jinstab hati ta' korruzzjoni jekk ikun ircieva xi kumpens wara l-att. ... ...*

*Mhux l-istess pero' taht il-ligi Maltija fejn* ***sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel***[22] *il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Fejn il-Professur Mamo jghallem li "as section 114a u b (illum 115a u b) are worked, it seems that* ***there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done***[23]*."*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, biex tirrizulta r-reita ta'l-imputat fir-rigward ta'l-erbghat elef Euro li hallas lill-iSpettur Sultana talli dan intavola proceduri penali fil-konfront ta' Cutajar u Elmleti, irid jigi pruvat li kien jezisti *pactum* bejn l-imputat u l-iSpettur Sultana u li dan il-*pactum* kien jezisti qabel ma ittiehdu l-proceduri penali kontra Cutajar u Elmleti. Fil-fehma tal-Qorti pero din il-prova ma tezistiex.

Illi l-unika prova li hemm in atti fir-rigward hija dak li jghidu Karen Busuttil (fid-depozizzjoni taghha) u l-imputat (f'l-istqarrija tieghu). Fil-waqt li huma jghidu li kienu ilhom jaghmlu rapporti u jinsistu ma'l-Ispettur biex jiehu l-passi necessarji fil-konfront ta' Cutajar u Elmleti, it-tnejn isostnu li l-ewwel darba li ssemmew flus kien wara li nqatghet il-kawza kontra Cutajar u Elmleti, meta marru jkellmu lill-Ispettur Sultana wara li dan cempel lil Busuttil u baghat ghalihom. It-tnejn li huma jghidu li staghgbu b'dak li talabhom Sultana.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi zgur ma jistax jinghad li gie pruvat 'l hemm minn kull dubbju dettat ir-raguni li, sa minn qabel ma' Sultana qeda' d-doveri tieghu u proceda fil-konfront ta' Cutajar u Elmleti, kien jezisti xi *common design* jew

[22] Sottolinear ta' dik il-Qorti.
[23] Sottolinear ta' din il-Qorti.

xi *pactum* bejnu u l-imputat. Fin-nuqqas ta' din il-prova r-reat li bih qed jigi addebietat l-imputat ma jistax jirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**